**STQARRIJA MINISTERJALI MILL-MINISTRU GĦALL-INTERN U S-SIGURTÀ NAZZJONALI DWAR IT-TIĠRIF TA' AJRUPLAN F'ĦAL KIRKOP MAGĦMULA F'SEDUTA 430 TAL-24 TA' OTTUBRU 2016**

Sur President,

Nixtieq nagħmel stqarrija dwar l-inċident traġiku li seħħ dalgħodu fil-perimetru tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta.

B'diqa, f'dan l-inċident tilfu ħajjithom il-ħames persuni kollha li kienu abbord, ilkoll ta' nazzjonalità Franċiża.

Nagħti l-għomor lill-qraba tal-vittmi u lill-Gvern Franċiż għat-telfa ta' dawn il-ħames ċittadini.

Nixtieq ngħarraf lil din il-Kamra li bħalissa għaddejjin numru ta' inkjesti dwar il-każ, kif jitolbu r-regoli internazzjonali u l-liġijiet ta' Malta, sabiex jiġu stabbiliti l-fatti kollha.

L-inkjesta mill-maġistrat inkwirenti qed titmexxa mill-Maġistrat Doreen Clarke flimkien ma' inkjesta oħra mill-*Bureau of Air Accident Investigation* li jaraw id-dinamika tal-inċident.

Sakemm għaddejjin dawn l-inkjesti, naturalment wieħed irid jistenna l-eżitu tagħhom, u nappellaw għall-prudenza sakemm issir l-analiżi fil-fond u jiġu stabbiliti l-fatti kollha.

F'dan il-punt, nista' ngħid li mill-informazzjoni li għandna, l-inċident imsemmi seħħ għall-ħabta tas-7.20 ta' dalgħodu meta ajruplan tat-tip Fairchild Metroliner Mark III irreġistrat fl-Istati Uniti u mikri lil kumpanija Lussemburgiża ġġarraf ftit wara li beda t-titjira tiegħu mill-Ajruport Internazzjonali ta' Malta.

Mill-ewwel informazzjoni u osservazzjonajiet ta' esperti tekniċi fil-qasam, mill-filmati li ġew imxandrin, u minn dak li qalu nies li raw l-inċident iseħħ quddiem għajnejhom, inklużi tliet membri tal-Forzi Armati ta' Malta li kienu fil-kwartieri ta' Ħal Safi u żewġ bdoti ta' linji tal-ajru kummerċjali, jirriżulta b'mod ċar li ma kien hemm l-ebda splużjoni qabel ma seħħ l-impatt tal-ajruplan mal-art.

Esperti f'dan il-qasam, mill-filmat li huwa pubbliku, qalu li jidher illi x'aktarx l-ajruplan żviluppa xi ħsarat ta' natura teknika, ftit wara t-tluq tieghu mill-ajruport, bil-konsegwenza li ftit wara ġġarraff. Mill-ewwel indikazzjonijiet jidher li m'hemm l-ebda raġuni li wieħed jaħseb li l-inċident seħħ minħabba raġunijiet oħra. Dan iżda għad irid joħroġ u jkun ikkonfermat mill-investigazzjonijiet li għaddejjin.

Il-fdalijiet tal-ħamest irġiel li kienu abbord, ilkoll ta' nazzjonalità Franċiża, instabu.

It-titjira kienet tifforma parti mill-French Customs Surveillance Operation li ilha għaddejja għal dawn l-aħħar ħames xhur bil-ħsieb li jiġu traċċati r-rotot ta' kull tip ta' traffikar illeċitu, inklużi t-traffikar tal-bnedmin u t-traffikar tad-drogi.

Il-Gvern Malti kien ġie mitlub mill-Gvern Franċiż, sabiex jassisti loġistikament f'din l-operazzjoni. It-titjira kienet irreġistrata mal-Malta Air Traffic Services bħala waħda lokali u

kellha tirritorna lejn Malta f'temp ta' ftit sigħat mingħajr ma tagħmel l-ebda nżul f'pajjiżi terzi.

Nixtieq nirringrazzja lill-Forzi tal-Ordni li ħadu sehem f'din l-operazzjoni, il-Pulizija, l-Armata u l-Protezzjoni Ċivili, li flimkien mas-servizzi tal-emerġenza tal-Isptar Mater Dei u l-ħaddiema tat-tifi tan-nar stazzjonati fl-Ajruport dalgħodu ħadu kontroll tas-sitwazzjoni f'ħin rapidu u kkoperaw ma' xulxin b'mod effiċjenti.